MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2004

Appell Kriminali Numru. 240/2003

Il-Pulizija
(Spettur D. Galea)
Vs
Victor Mifsud

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli fl-1 ta' Settembru, 1999 ghall-habta tat-8.30 a.m. fil-parking place li hemm fi Triq il-Port Ruman, Qawra, ikkommetta attentat vjolenti ghal pudur fuq il-persuna ta' omissis ta' 15 il-sena, persuna li ssofri minn dizabilita' mentali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Novembru, 2003 li biha, wara li rat l-artikoli 207 u 201 (b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghal disa' xhur prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-3 ta' Dicembru, 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tikkancella l-istess sentenza f'dik il-parti taghha fejn sabet lill-esponent hati tal-imputazzjoni lilu addebitata w konsegwentement tilliberah minnha u/jew, fl-eventwalita' li ma tilqax l-aggravji dwar il-mertu, tirriforma s-sentenza appellata f'dik il-parti taghha li tikkoncerna l-piena nflitta.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti u cioe' :- 1. Illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi u tal-ligi b'mod li erronjament waslet ghal sejbien ta' htija , ghaliex (i) strahet fuq id-depozizzjoni tal-psikologa Denise Borg li kienet xhud *ex parte* u mhux nominata bhala espert tal-Qorti ; (ii) strahet fuq ir-rapport tal-psikjatra David Cassar ghal ragunijiet li marru oltre n-nomina tieghu; (iii) l-Ewwel Qorti skartat l-argumentazzjoni tad-difiza dwar l-immpossibilita' ta' dak li allegat il-minuri billi strahet fuq ir-recta maghmula mill-istess minuri fuq ommha li hi *toto cielo* differenti mill-mod ta' kif il-minuri spjegat li sehh l-allegat incident , kif ukoll ghar-ragunijiet li jissemmew fin-nota ta' sottomissjonijiet minnu prezentata quddiem l-Ewwel Qorti . 2. illi minghajr pregudizzju ghall-aggravju fuq il-mertu l-piena nflitta fic-cirkostanzi kienet eccessiva.

Fliet l-atti kollha processwali ;

Rat in-Nota tal-kwerelanti tas-17 ta' Marzu, 2004, li biha rrinunzjaw ghall-kwerela istitwita minnhom f'din il-kawza kontra l-appellant u ddikjaraw li m'ghandhomx aktar interess fil-prosegwiment ta' dawn il-proceduri kriminali kontra l-appellant ;

Semghet ix-xiehda tal-genituri tal-minuri koncernata fl-udjenza tat-18 ta' Marzu, 2004,fejn spjegaw x'kien li wassalhom biex jirrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali w cioe' senjatament ghax raw li l-appellant hu ragel tal-familja w jahsbu li t-taghlima issa hadha u huma li riedu kien li hu jiehu tbezbiza kif ukoll li meta kienu raw li, meta inqatghet

il-kawza, l-appellant kien intbaghat il-habs, huma hassew ghalih.

Semghet it-trattazzjoni fil-kors tal-istess seduta;

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tat-2 t' April, 2004 u dik tal-appellant tad-19 t' April, 2004, li giet ammessa ghalkemm pprezentata tardivament bid-digriet taghha tal-20 t' April, 2004;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkonsidrat ;

Illi qabel xejn trid tigi konsidrata l-kwistjoni li tirrigwarda l-irtirar tal-kwerela mill-genituri tal-minuri quddiem din il-Qorti u kif din tincidi fuq il-proceduri odjerni.

Illi, kif jikkontendi l-Avukat Generali , ghalkemm il-kwerela kienet giet irtirata quddiem din il-Qorti fl-istadju tal-appell, jibqa' l-fatt li dan ma kien jiswa' ghal xejn ghax l-azzjoni xorta wahda kienet prosegwibbli "ex officio" mill-Pulizija , skond il-ligi w skond il-gurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati. L-appellant ghalkemm jibda biex fin-nota tieghu jiehu pozizzjoni kuntrarja , lejalment pero' jikkoncedi li huwa jaqbel mas-sottomissjonijiet maghmula mill-Avukat Generali fis-sens illi s-sentenzi tal-Qorti , fil-preponderanza, taghhom interpretaw il-proviso tal-Artikolu 544 fis-sens illi meta r-reati imsemmija fl-istess Artikolu jsiru f' post pubbliku jew post espost ghall-pubbliku , allura dawk ir-reati jsiru prosegwibbli "ex officio" .

Illi din il-Qorti, wara li ezaminat fit-tul il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati, taqbel illi l-pozizzjoni legali kif enuncjata fil-gurisprudenza hi li tali akkuza, anki jekk ma jkunx hemm jew tkun giet irtirata l-kwerela tal-parti leza , tibqa' dejjem prosegwibbli "ex officio" meta tkun kommessa flimkien ma

reat iehor li jolqot l-ordni pubbliku skond il-proviso tal-artikolu 544 .

Dan il-proviso jghid li meta xi wiehed mid-delitti fih imsemmija jsir bi vjolenza pubblika, jew flimkien ma reat iehor li jolqot l-ordni pubbliku , l-azzjoni kriminali titmexxa ndipendentement mill-azzjoni tal-parti privata. Fost ir-reati hemm imsemmija hemm proprju dak ta' attentat vjolent ghall-pudur.

Illi dejjem gie ritenut mill-Qrati Taghna li meta dar-reat isir f'post pubbliku jew f' post espost ghal-pubbliku , dan isir prosegwibbli "ex officio" proprju ghaliex allura jkun akkompanjat b'reat li jolqot l-ordni pubbliku . Hekk gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali kolleggjali f'appell minn guri fil-kawza ""**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Spiridione Tanti sive Tanti Costa** " [ 12.4.1991]

*"…..l-Qrati taghna dejjem irritjenew illi l-fatt li f' delitt kontra l-familja u l-morali prosegwibbli biss fuq istanza privata dawn jirrikorru f' post pubbliku jew post espost ghall-pubbliku , jsiru prosegwibbli "ex officio" proprju ghaliex awtomatikament ikunu akkumpanjati b'reat li jolqot l-ordni pubbliku."*

Issa fil-kaz in ezami ma jistax ikun hemm dubju li l-post fejn gara l-allegat reat kien wiehed manifestament espost ghall-pubbliku w dwar dan lanqas id-difiza ma tidher li qed tissottometti l-kuntrarju.

*"Skond il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna , meta l-istess fatt li jaghti lok ghall-stupru , l-attentat vjolent ghall-pudur jew il-korruzzjoni tal-minorenni isir f'post pubbliku jew espost ghall-publiku , b'mod ghalhekk li jikkonfigura wkoll ir-reat taht l-artikolu 209 , l-azzjoni ghal dawk ir-reati ma tirrikjedix il-kwerela tal-parti privata u l-parti privata konsegwentement anqas ma tista' bir-recess taghha twaqqa' dik l-azzjoni . U r-raguni hi ghax dawk ir-reati jkunu saru "flimkien ma reat iehor li jolqot l-ordni pubbliku" fit-termini tal-proviso tal-artikolu 544*" (Ara. Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Gregory sive Godwin Scicluna**" [19.2.1997]

Umbaghad dwar Il-punt jekk l-artikolu 209 hux reat li jolqot l-ordni pubbliku imma biss il-morali pubblika u ghalhekk ma jissodisfax ir-rekwizit tal-proviso tal-artikolu 544, dan gie ukoll trattat fil-gurisprudenza fl-Appell Kriminali “**Il-Pulizija vs. George Zarb”** fejn gie ritenut li :-

“Ir-reat kontemplat fl-artikolu 209 ma jehtieg ebda kwerela ghax hawn, bhal fil-kaz ta’ arrest illegali, si tratta ta’ reat li jolqot jew jinteressa l-ordni pubbliku.”

U l-istess gie ritenut fl-Appell Kriminali ta’ **Tanti sive Tanti Costa** appena citat fejn intqal :-

*“Illi ma jistax ikun hemm dubbju dwar jekk il-legislatur taghna jikkonsidrax atti oxxeni li joffendu l-morali pubblika ghax proprju kommessi fil-pubbliku , bhala reati kontra l-ordni pubbliku u fil-fatt dan ma setghax jonqos . Infatti per ezempju , fit-termini tal-artikolu 338 (bb) tal-Kodici Kriminali ikun qed jikkommetti reat (kontravvenzjoni) kontra l-ordni pubbliku min jaghmel atti oxxeni fil-pubbliku jew joffendi l-morali , l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika anki jekk jikkomettihom meta jkun xurban . Multo magis ghalhekk , ghandu jigi argumentat li min imur oltre u jikkommetti reati ohra kontra l-morali pubblika li huma konsiderati mill-ligi bhala delitti u ghalhekk bhala reati aktar serji u jikkommetti l-istess f’post pubbliku jew f’post espost ghall-pubbliku , ikun qieghed kontestwalment jikkommetti reat kontra l-ordni pubbliku.”*

Il-fatt li fil-kaz ta’ Tanti sive Tanti Costa kienu tnehhew xi hwejjeg tal-minorenni mentri dan ma jidhirx li gara f’dan il-kaz ma jbiddel xejn ghaliex indubbjamernt li l-atti li huma allegati li saru f’dan il-kaz jikkonfiguraw fir-reat kontemplat fl-artikolu 209 u cioe’ dik ta’ offiza ghall-pudur jew il-morali b’eghmil li jsir f’lok pubbliku jew lok espost ghall-pubbliku.

Illi umbaghad din il-Qorti diversament preseduta rriteniet li *“r-reat ta’ istanza privata huwa “akkompanjat” minn iehor ta’ azzjoni pubblika meta jew iz-zewg reati jkunu konkorrenti , billi wiehed ikun serva ta’ mezz ghall-iehor jew il-fatt kriminuz ikun jivvjola “unico contextu” zewg*

*dispozizzjonijiet tal-ligi kriminali , b'mod li jitnisslu minnu zewg titoli ta' reati"* (ara. **"Il-Pulizija vs. Karmenu Cassar** "[21.4.1945] (Kollez. XXXII. iv. p.895, per **Harding J**,). Inoltre ma hemmx bzonn li r-reat li jkun jolqot l-ordni pubbliku ikun inkluz fost l-akkuzi dedotti kontra l-akkuzat kif johrog mis-sentenza ta' din il-Qorti fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Gregory sive Godwin Scicluna**" fuq citata, ghaliex ir-reat kontemplat fl-artikolu 209 tal-Kodici Kriminali jikkonfigura indipendentement mill-fatt li l-appellant ma jkunx gie akkuzat bih. Hawn il-ligi tirrikjedi biss li r-reat ikun sar flimkien ma reat li jolqot l-ordni pubbliku u mhux li l-akkuzat ikun gie ukoll akkuzat b' tali reat li jolqot l-ordni pubbliku .

Fid-dawl ta' dan kollu huwa ovvju li r-reat ta' attentat vjolent ghall-pudur li tieghu nstab hati l-appellant kien akkompanjat minn reat li jolqot l-ordni pubbliku w cioe' r-reat kontemplat fl-artikolu 209. Ghalhekk l-azzjoni kriminali ma kienetx tiddependi fuq il-kwerela tal-parti offiza w setghet tingieb il-quddiem mill-Pulizija "ex officio". Ergo kull irtirar tal-kwerela fi kwalsiasi stadju tal-proceduri mill-genituri tal-minuri ma setax iwaqqaf l-andament tal-kawza kontra l-appellant u lanqas jista' jwaqqfu f'dan l-istadju . L-irtirar tal-kwerela ghal massimu jista' – u f' dan il-kaz ser - jittiehed in konsiderazzjoni ghall-fini tal-piena imma mhux li josta b'xi mod ghat-tkomplija tal-proceduri.

Illi zgumbrat it-terren minn din il-kwistjoni li qamet wara li gie intavolat ir-rikors tal-appell odjern, il-Qorti ghaddiet biex tezamina l-ewwel aggravju tal-appellant li hu li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti tal-kaz.

Issa gie dejjem ritenut li din il-Qorti, bhala Qorti ta' revizjoni, ma tiddisturbax leggerment il-konkluzzjoni ta' l-Ewwel Qorti dwar apprezzament ta' fatt izda taghmel ezami approfondit tal-provi biex tara jekk fuq il-fatti rizultanti l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha b'mod "safe u satisfactory" .

Kif gie ritenut minn **LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY** fil-kawza **"R. vs. Cooper**" [1969] 1 QB 276:-

*“Assuming that there was no specific error in the conduct of a trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury’s verdict (in this case , with the conclusion of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witness, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone ..”* (Ara ukoll **Blackstone’s Criminal Practice** (1991) , p.1392)

Fir-rigward tal-aggravju li l-Ewwel Qorti strahet fuq id-depozizzjoni u l-opinjonijiet tal-psikjatra meta din ma kienetx perit nominat mill-Qorti, huwa minnu li din ma kienetx esperta nominata mill-Qorti . Fis-sentenza appellata l-psikologa Denise Borg issemmiet l-ewwel nett darbtejn fir-rezokont sommarju tax-xhieda maghmul mill-Ewwel Qorti. Sa hawn l-Ewwel Qorti kienet biss qed tirriepiloga l-provi, bla ma adduciet xi argument jew esprimiet xi opinjoni dwarhom. Umbaghad fil-konsiderazzjonijiet taghha l-Ewwel Qorti qalet testwalment hekk :-

“Dan irid jigi abbinat max-xhieda ta’ Dr. Cassar u tal-Psikologa Denise Borg illi fuq banda wahda affermaw il-kompetenza tax-xhud biex taghti t-testimonjanza taghha fi procedura kriminali u fuq il-lat l-iehor il-mankanza ta’ malizia tal-istess (ommissis) fejn il-problema taghha giet individwalizzata bhala dik li tikkoncerna il-genwinita’ taghha.”

Issa f’dar-rigward l-appellant ghandu ragun jilmenta li l-ewwel Qorti setghet ma kienetx korretta meta ccitat lil Borg fir-rigward tal-kompetenza tal-minorenni li tixhed, ghaliex din ma kienetx nominata bhala esperta biex tixhed fir-rigward. Pero’ una volta li l-espert nominat mill-Qorti ghal dan l-iskop irrelata f’ dan is-sens ukoll jannjenta l-effett ta’ dan il-lapsus da parti tal-ewwel Qorti ghaliex mix-xhieda tal-espert irrizulta li l-minuri kienet kapaci li tixhed. Del resto id-difiza ma jidhirx li qed timpunja din il-kostatazzjoniu da parti tal-espert Dr. Cassar. Ghalhekk sa hawn l-appellant ma jista’ jottjeni ebda effett prattiku minn dan l-aggravju ghalkemm guridikament fondat

Fejn l-Ewwel Qorti strahet fuq dak li qalet ix-xhud Borg dwar il-genwinita' tal-minuri, l-appellant ukoll jidher li ghandu ragun ghaliex dwar dan l-Ewwel Qorti biss kienet trid taghmel gudizzju w ma setghetx tistrieh fuq l-opinjoni ta' haddiehor, dana salv dak li ser jintqal dwar id-decizjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-kredibilita' u l-attendibilita' tal-minuri , fil-konsiderazzjonijiet li kellha kull dritt taghmel l-Ewwel Qorti fil-paragrafu immedjetament precedenti ghal dak appena citat .

Illi dwar l-aggravju li l-Ewwel Qorti strahet fuq l-opinjonijiet espressi fir-rapport tal-espert psikjatra David Cassar minnha nominat liema opinjonijiet marru 'l barra mill-inkariku tieghu, il-Qorti osservat li skond id-Digriet tal-Ewwel Qorti tal-24 ta' Frar, 2002 , l-Ewwel Qorti kienet innominat lil Dr. Cassar *"sabiex jezamina lill-minuri u jaghti assessment lill-Qorti tal-cognative faculties tal-istess minuri."* Ghalhekk sakemm Dr. Cassar xehed dwar din il-materia indubbjament l-Ewwel Qorti setghet, jekk riedet, liberament tistrieh fuqu . Mill-bqija l-appellant jidher li ghandu ragun li fejn si tratta tal-genwinita' tax-xiehda tal-minuri , Dr. Cassar kien qed jixhed lill hinn mill-inkariku lilu moghti . Ghalhekk s'hawn dan l-aggravju jidher guridikament fondat .

Illi pero' l-aggravju tal-appellant li l-Ewwel Qorti skartat l-argumentazzjoni tad-difiza dwar l-impossibilita' ta' dak li allegat il-minuri , fil-fehma ta' din il-Qorti ma jidhirx fondat . L-Ewwel Qorti – anki minghajr l-argument dedott fil-paragrafu fuq citat dwar x' qalu Dr. Cassar u x-xhud Borg, kellha bizzejjed ragunijiet biex setghet temmen il-versjoni tal-minuri w tiskarta dik pjuttost stirakkjata li ta l-appellant fid-diversi stadji tal-invistigazzjoni w fil-kors tax-xhieda tieghu, fejn, ghalkemm ma jichadx l-inkontru mall-minuri per se, fil-jum , hin u post minnha msemmi, jichad kull komportament mhux xieraq fir-rigward tal-istess minuri. L-Ewwel Qorti ghamlet ezami dettaljat ta' dawn il-versjonijiet u setghet legalment u ragonevolment tasal biex temmen il-versjoni tal-minuri .

Fil-kaz in ezami kienet l-Ewwel Qorti li semghet ix-xhud minorenni f'dan il-kaz u setghet tapprezza bil-mod kif xehdet dwar l-atti komessi mill-appellant odjern . Din il-Qorti ghandha biss it-traskrizzjoni ta' din ix-xiehda. Pero' din il-Qorti thoss li l-Ewwel Qorti kellha bizzejjed provi biex tiskarta c-cahda tal-appellant u invece temmen dik tal-minorenni koncernata. Ghalhekk hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-apprezzament tal-Ewwel Qorti hu wiehed “safe and satisfactory”.

Kif gie deciz fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : “**Ir-Republika ta' Malta vs. Ivan Gatt**”, deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994 :-

“… , l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta …., il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament.”

Ghalhekk , f'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma thossx li ghandha b' xi mod tiddisturba l-konkluzjoni ta' htija li ghaliha waslet l-Ewwel Qorti .

Illi finalment fir-rigward tal-aggravju dwar il-piena, ghalkemm din il-Qorti normalment ma tvarjax il-piena moghtija mill-Ewwel Qorti jekk din tkun entro l-parametri legali w ma tkunx wahda manifestament esagerata , meta din il-Qorti , bhala Qorti ta' revizjoni, tikkonstata li xi punt ta' dritt jew ta' fatt favur l-appellant ma jkunx ittiehed in konsiderazzjoni  mill-Ewwel Qorti , meta suppost li jkun hekk gie kkonsidrat, jew inkella minnhabba xi zvilupp li jkun sehh **wara** li tkun inghatat is-sentenza appellata – kif gara f' dan il-kaz  , allura din il-Qorti tidhol ukoll fil-kwistjoni tal-piena w tara jekk il-piena nflitta mill-Ewwel Qorti kienetx l-aktar wahda ndikata fic-cirkostanzi , kompriza dik jew dawk li ma jkunx ittiehdu in

konsiderazzjoni mill-Ewwel Qorti u dan biex, fil-waqt li tipprotegi lis-socjeta' minn agir simili tal-appellant u sservi ukoll ta' deterrent generali fejn hemm bzonn, taghmel ukoll gustizzja mall-appellant .

Id-difiza issottomettiet li l-appellant ghandu kondotta nadifa u li kull ma kienet turi l-fedina penali tieghu kienet kontravvenzjoni minuri tar-regolamenti tat-traffiku li tirrisali ghall-1990. Inoltre ssottomettiet li l-Qorti ghandha taghti piz xieraq ghall-fatt li l-kwerela kienet giet irtirata mill-genituri li ddikjaraw sahansitra bil-gurament li ma jridux li jitkomplew il-proceduri kriminali kontra l-appellant. Ghalhekk issottomettiet li aktar ikun xieraq f'dan il-kaz jekk tinghata piena karcerarja li pero' tibqa' sospiza ghal numru ta' snin.

Da parti taghha l-prosekuzzjoni fil-kors tat-trattazzjoni orali quddiem din il-Qorti ma insistietx aktar ghall-piena karcerarja .

Din il-Qorti, wara li rriflettiet fit-tul u kkonsidrat il-kondotta nadifa tal-appellant izda b'mod partikolari w l-aktar importanti l-fatt li l-genituri tal-minuri issa ddikjaraw li ma jridux li jitkomplew il-proceduri kontra l-appellant, thoss li f' dan il-kaz , fil-waqt li tikkonferma l-piena karcerarja erogata mill-Ewwel Qorti, ghandha tissospendi l-esekuzzjoni tal-istess a tenur tal-artikolu 28A, kif anki qablet li ghandu jsir il-Prosekuzzjoni.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi milqugh limitatament kif ser jinghid u cioe' billi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi fil-waqt li tikkonfermaha fl-intier taghha, zzid billi tordna li l-piena ta' disa' xhur prigunerija m'ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-periodu ta' erba (4) snin mill-lum l-appellant jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija w dan a tenur tal-artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta .

Il-Qorti spjegat fid-dettall lill-appellant it-tifsira ta' dan il-provvediment u r-responsabilta' tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti reat li ghalih hemm piena ta'

prigunerija matul il-periodu operattiv ta’ dis-sentenza sospiza , a tenur tal-Artikolu 28A (4).

Fl-ahhar nett tordna li BISS biex tigi protetta l-identita’ tal-minuri ma jigux pubblikati fil-media l-isem tal-minuri w tal-genituri taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------